# ID-DAWL

LULJU 2026 WWW.AHMADIYYA.MT NUMRU 103

"Għid lil dawk in-nisa li jemmnu biex irażżnu għajnejhom u jħarsu l-partijiet privati tagħhom."



Il-Volontarjat | Attività ta' Inklużjoni | Għaliex għażilt il-Ħiġab? | Azzjonijiet, mhux Kliem

F’Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

Editorjal

# Il-volontarjat

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta*

Il-volontarjat huwa esperjenza ta’ valur kbir li kulħadd għandu jipprova. Għandna nsibu ħin għall-volontarjat matul is-sena, għax permezz tiegħu nitgħallmu ħafna, nikbru bħala persuni u nsaħħu l-valuri umani tagħna. Din l-esperjenza mhux biss tagħtina l-opportunità naqdu lil ħutna, iżda tgħinna wkoll nifhmu aħjar il-ħajja, id-diffikultajiet u l-esperjenzi tan-nies.

Riċerka turi li nies li ta’ spiss jgħinu lill-oħrajn permezz ta’ donazzjonijiet, volontarjat jew atti ta’ qalb tajba, normalment iħossuhom aktar kuntenti u sodisfatti bil-ħajja. Persuni ġenerużi ġeneralment ikunu aktar ferħanin minn dawk li ma jaqsmux ma’ oħrajn. Meta nagħtu lill-oħrajn, inkunu qed inżidu wkoll il-ferħ u l-paċi f’qalbna.

Studji juru wkoll li l-volontarjat għandu ħafna benefiċċji. Jgħinna nifhmu aħjar il-ħajja u s-soċjetà. Jgħin biex inżommu ’l bogħod minn drawwiet ħżiena bħall-kriminalità, id-droga u problemi soċjali oħra. Barra minn hekk, jgħin lil min iħossu waħdu jew taħt stress biex isib skop u jimla ħajtu b’attivitajiet pożittivi.

Fil-qosor, li naqdu lill-bnedmin b’kull mod possibbli huwa att sabiħ ta’ qima lejn Alla. Mhux biss jgħin lil min hu fil-bżonn, iżda jgħinna wkoll nibnu karattru mimli mħabba, ħniena u ġenerożità. B’dan il-mod inkunu qed nibnu komunitajiet u soċjetajiet aktar magħqudin, sensittivi u li jieħdu ħsieb lil xulxin.

**ID-DAWL**

LULJU 2026 – Numru 103 – Pubblikazzjoni ta’
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Mob:** 79 655 255 | **Tel:** 21 655 255
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyyamalta.org**

INDEX

| | |
|---|---|
| **Volunteering** | **02** |
| **Inclusion activity** | **03** |
| **Why I chose the Hijab?** | **04** |
| **Actions, not words** | **06** |
| **The means of the world** | **08** |

www.ahmadiyya.mt/id-dawl **Qoxra:** Malik Nalik/Shutterstock.com

# Id-Dar tal-Providenza




Il-membri tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana Malta offrew volontarjat tagħhom biex jagħtu s-servizz tagħhom waqt il-maratona annwali tal-volleyball, organizzata b'risq Id-Dar tal-Providenza, fis-17 ta' Lulju 2026. Il-Musulmani Aħmadi jemmnu fl-importanza li jaqdu lill-umanità b'dedikazzjoni u b'imħabba vera.

# Attività ta' inklużjoni fil-Gżira




Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana Malta ħadet sehem attiv fl-Attività ta' Inklużjoni tal-Pulizija tal-Komunità, li saret fil-Ġnien tal-Kunsill tal-Ewropa fil-Gżira nhar is-Sibt, 18 ta' Lulju 2026. L-inizjattiva kellha l-għan li ssaħħaħ il-koeżjoni soċjali, tippromwovi l-inklużjoni u trawwem fehim reċiproku fost il-membri tal-komunità.



# Għaliex għażilt il-Ħiġab? Vjaġġ ta' fidi u identità

Aisylu Ahmadieva/Shutterstock.com

**Barira Haroon**, Studenta tal-Mediċina

Bdejt nilbes il-ħiġab fl-iskola primarja, fil-Year 5. Kont żgħira, żgħira wisq, ħsibt jien, biex inġorr xi ħaġa li kont inħossha daqshekk kbira. Niftakarni wieqfa quddiem il-mera dakinhar filgħodu, nirranġaha għal darb'oħra u oħra, b'idejja inċerti, u b'qalbi saħansitra aktar inċerta. Ħassejtni skomda. Differenti.

Iżda ma kontx dieħla f'dak li ma kontx naf waħdi. Kont qattajt snin nosserva lil ommi u lin-nisa fil-familja tiegħi jilbsuha b'tant kalma. Għalija, huma kienu l-grazzja inkarnata. Il-ħiġab ma dgħajjifhomx, iżda kkompletahom. U xi mkien f'dik l-ammirazzjoni, l-ispirazzjoni bdiet tniżżel l-għeruq.

Madankollu, f'dik l-ewwel ġurnata l-iskola, stennejt mistoqsijiet, forsi anke distanza. Minflok, ġrat xi ħaġa mhux mistennija. Sħabi tal-klassi aċċettawha kważi mill-ewwel. Fi ftit jiem, saret xi ħaġa normali. Dak il-mument għallimni xi ħaġa li ġarrejt miegħi minn dakinhar 'l hawn: il-ħiġab mhuwiex ostaklu sakemm ma nħalluhx ikun.



Hekk kif kbirt, il-vjaġġ sar inqas dwar li nilbes il-ħiġab u aktar dwar li nifhmu. Wasal punt fejn kelli nistaqsi lili nnifsi: **għaliex qed nagħmel dan?** Meta sibt it-tweġiba, kollox inbidel. Ma kinitx biss tradizzjoni jew drawwa. Kienet fidi. Kienet l-intenzjoni tiegħi. Kienet identità.

Ma' dak il-fehim ġiet il-kunfidenza.

Il-ħiġab ma bqajtx inħossu bħal xi ħaġa li nilbes iżda bdejt inħossu bħal xi ħaġa li ngħoddha bħala tiegħi. Sar tip kwiet ta' qawwa, espressjoni viżibbli ta' min jien, mingħajr apoloġija. F'dinja li kontinwament tgħid lin-nisa kif għandhom jippreżentaw lilhom infushom, l-għażla tal-ħiġab ħassejtha bħallikieku kont qed nieħu lura dik in-narrattiva.

Iżda l-vjaġġ mhux dejjem kien faċli.

Hemm mumenti, speċjalment meta l-aħbarijiet ikunu mimlija negattività, meta nħoss il-piż li nkun Musulmana viżibbli. Meta nimxi fit-triq, insir aktar konxja ta' għajnejn li jdumu jħarsu ftit itwal, ta' silenzju li jinħass aktar qawwi mill-kliem. F'dawk il-mumenti, id-dubju jipprova jidħol bil-mod. Il-biża' wkoll.

Iżda mbagħad infakkar lili nnifsi: din hija parti minni. Mhijiex xi ħaġa li għandha tinħeba, iżda xi ħaġa li rrid nibqa' soda fiha. Kull darba li ngħaddi minn dik l-iskumdità, insir aktar b'saħħti.

Il-ħiġab biddel ukoll il-mod kif nara d-dinja.

Għamilni aktar kompassjonata, aktar konxja tad-differenzi, aktar miftuħa biex nifhem lil oħrajn. Kontinwament ifakkarni biex nibda bil-qalb tajba, għax ir-rappreżentazzjoni ġġorr magħha responsabbiltà.

L-għażla tal-ħiġab qatt ma kienet biss dwar li nkopri xagħri. Kienet dwar li nikxef l-iskop tiegħi.

# L-azzjonijiet jitkellmu aktar mill-kliem

Alla jgħid lill-Musulmani li l-għemil tagħhom għandu jaqbel ma' dak li jgħidu. Kliem fieragħ u tifħir żejjed ma jwassal għal imkien. Li tgħid ħaġa u ma tagħmilhiex juri ipokresija u nuqqas ta' sinċerità. **"Intom li temmnu, għaliex tgħidu dak li ma tagħmlux? L-aktar ħaġa ta' mibegħda quddiem Alla, hija li tgħidu dak li ma tagħmlux."** (Il-Koran Imqaddes, 61:3-4)

Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, wissa dwar din il-kontradizzjoni fil-karattru ta' persuna u qal: **"Is-sinjali ta' ipokrita huma tlieta: meta jitkellem, jigdeb; meta jagħmel wegħda, jiksirha; u meta jiġi fdat, jittradixxi l-fiduċja."**

Għalhekk jingħad li, **"L-azzjonijiet jitkellmu aktar mill-kliem."** Il-kliem biss, irrispettivament minn kemm ikun sabiħ jew persważiv, ftit li xejn għandu valur sakemm ma jkunx appoġġjat minn azzjoni sinċiera. F'għajnejn Alla, mhux dak li ngħidu, iżda dak li nagħmlu, li verament jimporta. Min jemmen tassew għandu dejjem jitkellem bil-verità, bil-ħlewwa u bil-qalb tajba, u mbagħad jaġixxi skont dak li jgħid. Il-kliem waħdu mhux biżżejjed; irid ikun akkumpanjat minn sforzi sinċieri u konkreti.

Dan ma jfissirx li d-diskors tajjeb m'għandux valur, iżda, dan ifisser li meta nagħmlu klejms kbar għal xi ħaġa u ma nagħmlux u ma nwettqux dak li wegħedna huwa għal xejn, u ma jiswa xejn. Dan ifisser ukoll li meta nistennew imġiba tajba minn ħaddieħor, l-ewwel irridu nagħmluha aħna.

## Dar sabiħa fuq il-karta...

Biex nispjegaw dan il-punt: jekk xi ħadd ipinġi dar sabiħa fuq il-karta iżda qatt ma jibniha, jista' jgħix fiha? Ma jimpurtax kemm hu perfett id-disinn, ma jservi għal xejn jekk jibqa' ma jintlaħaqx jew ma jseħħx. Bl-istess mod, nistgħu nagħmlu diskorsi mill-aqwa, nagħmlu klejms kbar, iżda jekk l-azzjonijiet tagħna ma jirriflettux kliemna, dawk il-wegħdiet jibqgħu vojta.

## Il-bidla teħtieġ sforz

Il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana jispjega dan b'mod sabiħ u jgħid: **"Il-biża' vera ta' Alla titlob li persuna teżamina l-grad sa fejn kliemha u azzjonijietha jaqblu ma' xulxin. Bniedem li kliemu u azzjonijietu huma f'kunflitt ma' xulxin għandu jkun jaf li se jġarrbu l-korla ta' Alla."**

Huwa kompla jħeġġeġ biex nagħmlu l-istess għalina nfusna minn ġewwa u minn barra — għax qalb mimlija pretenzjoni ma tistax taqla' l-pjaċir ta' Alla, irrispettivament minn kemm jista' jinstema' pur il-kliem.

Bħala fidili, aħna għandna dejjem nagħmlu eżami tagħna nfusna; eżami tal-koxjenza tagħna. Qegħdin ngħixu l-valuri li ngħidu li għandna? Qegħdin naġixxu fuq il-kliem li ngħidu fit-talb tagħna, fil-wegħdiet tagħna, u fl-interazzjonijiet tagħna ma' ħaddieħor?

Alla ma jaċċettax paroli biss. Huwa jixtieq qlub sinċiera u għemejjel tajbin. Meta d-diskors u l-azzjonijiet tagħna jallinjaw, mhux biss naqilgħu l-pjaċir ta' Alla, iżda nsiru wkoll individwi ta' min jafdahom u rispettati fis-soċjetà. Insiru nies ta' kalibru għoli fis-soċjetajiet tagħna.

Għalhekk, huwa essenzjali li naħdmu biex **'inwettqu dak li ngħidu'** u **'nittraduċu kliemna f'azzjonijiet'**. Irridu nduru lejn it-tagħlim ta' Alla, li jipprovdi kodiċi sħiħ ta' kondotta għal ħajjitna. Jekk verament nemmnu f'Alla, l-għemejjel tagħna għandhom jirriflettu dak it-twemmin. Bl-istess mod, jekk ngħidu li aħna dawk li jixtiequ l-ġid lill-umanità, dik l-istqarrija trid tkun appoġġjata minn azzjonijiet sinċiera u sinifikanti.

Nagħlaq bil-kliem sabiħ tal-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana li jispjega dan iktar u jgħid li: **"Tabilħaqq, wieħed irid jitbiegħed mill-ħażen iżda fl-istess ħin wieħed irid iwettaq għemejjel ġusti, il-għaliex mingħajrhom m'hemmx salvazzjoni. L-Iżlam ma jwassalx lill-bniedem sa dan l-istadju u jħallih hemm, iżda jkun jixtieq li jaqdi żewġ għanijiet, jiġifieri li jiċħad il-ħażen kollu u li jwettaq azzjonijiet tajbin bil-ħerqa kollha. Sakemm wieħed ma jkollux dawn iż-żewġ kwalitajiet ma jistax jikseb is-salvazzjoni vera."**

## L-użu tal-mezzi tad-dinja

L-Iżlam ma jipprojbixxix lill-bniedem milli juża l-mezzi tad-dinja; anzi, iħeġġeġ għal dan. Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, kien ifittex kura meta kien marid, jagħmel negozju u jieħu passi prattiċi fil-ħajja. Dan juri li l-użu tal-mezzi huwa parti mit-tagħlim tal-Iżlam.

Madankollu, l-Iżlam jgħallem ukoll li l-fiduċja vera m'għandhiex tkun fil-mezzi nfushom, iżda f'Alla li ħalaq dawk il-mezzi. Dan huwa l-kmand ta' Alla li l-fidili għandhom jafdaw fih. Iżda xi nies jifhmuh ħażin u ma jużawx tajjeb il-mezzi u r-riżorsi li Alla ħalaq għalihom. Fil-fatt, li wieħed ma jużax il-mezzi disponibbli mhuwiex għaqli, għax dawn ukoll huma maħluqa minn Alla u għandhom jintużaw.

Għalhekk huwa wkoll importanti li l-ewwel il-bniedem għandu jagħmel xogħlu, imbagħad għandu jafda lil Alla. Dan ġara wkoll fi żmien il-Profeta Muħammad[sa] meta xi ħadd staqsa lill-Profeta Muhammad[sa]: **"Għandi norbot il-ġemel tiegħi u mbagħad nafda f'Alla, jew inħallih ħieles u nafda f'Alla?"**

Il-Profeta wieġeb: **"Orbot il-ġemel tiegħek, u mbagħad afda f'Alla."**

**"L-iskop tiegħi, ix-xewqa tiegħi u dak li nixtieq minn qalbi huwa li naqdi lill-bnedmin. Dan huwa xogħli, il-fidi tiegħi, id-drawwa tiegħi u l-mod kif ngħix."**

(Il-Messija Mwiegħed[as])

**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**